Nru./No. 18,499
Prezz/Price
€4.47

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2009
Tuesday, 27th October, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,099 - 13,108
Government Notices ..... *13,099 - 13,108*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,109 - 13,110
Notices to Mariners ..... *13,109 - 13,110*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,110 - 13,147
Employment Opportunities ..... *13,110 - 13,147*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,148 - 13,150
Notices ..... *13,148 - 13,150*

Offerti ..... 13,151 - 13,189
Tenders ..... *13151 - 13,189*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,189 - 13,190
Court Notices ..... *13,189 - 13,190*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 846

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,497 u 18,498 tal-20 u t-23 ta' Ottubru 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 274 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

A.L. Nru. 275 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

A.L. Nru. 276 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti Ġenerali tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

A.L. Nru. 277 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti Ġenerali tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

A.L. Nru. 278 tal-2009: Att tal-2009 li Jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XVI tal-2009); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. Nru. 279 tal-2009: Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti tal-2009 li Jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Tnaqqis fil-Kontenut tal-Kubrit f'xi Karburanti Likwidi.

A.L. Nru. 280 tal-2009: Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti tal-2009 li Jirrevokaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Kombustibbli Petrol u Diżil.

A.L. Nru. 281 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D.

A.L. Nru. 282 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Environmental Management and Planning taħt il-patroċinju tal-Istitut Internazzjonali għall-Ambjent.

A.L. Nru. 283 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in European Studies taħt il-patroċinju tal-European Documentation and Research Centre.

GOVERNMENT NOTICES

No. 846

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,497 and 18,498 of the 20th and the 23rd October 2009 respectively.

L.N. No. 274 of 2009: Education Act (Cap. 327); University Assessment Regulations, 2009.

L.N. No. 275 of 2009: Education Act (Cap. 327); General University Undergraduate Awards (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 276 of 2009: Education Act (Cap. 327); General University Postgraduate Awards (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 277 of 2009: Education Act (Cap. 327); General University Postgraduate Awards (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 278 of 2009: Local Councils (Amendment) Act, 2009 (Act No. XVI of 2009); Commencement Notice.

L.N. No. 279 of 2009: Environment Protection Act (Cap. 435); Reductions in the Sulphur Content of certain Liquid Fuels (Revocation) Regulations, 2009.

L.N. No. 280 of 2009: Environment Protection Act (Cap. 435); Quality of Petrol and Diesel Fuels (Revocation) Regulations, 2009.

L.N. No. 281 of 2009: Education Act (Cap. 327); The Doctor of Laws - LL.D. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 282 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Environmental Management and Planning under the auspices of the International Environment Institute.

L.N. No. 283 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in European Studies under the auspices of the European Documentation and Research Centre.

A.L. Nru. 284 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

L.N. No. 284 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Youth and Community Studies under the auspices of the Faculty of Education.

A.L. Nru. 285 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Social Work jew Master of Arts in Social Policy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

L.N. No. 285 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Social Work or Master of Arts in Social Policy under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 286 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb.

L.N. No. 286 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation under the auspices of the Edward de Bono Institute for the Design and Development of Thinking.

A.L. Nru. 287 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Health Services Management taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care.

L.N. No. 287 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Health Services Management under the auspices of the Institute of Health Care.

A.L. Nru. 288 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care.

L.N. No. 288 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Nursing or Midwifery under the auspices of the Institute of Health Care.

A.L. Nru. 289 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u l-Accountancy.

L.N. No. 289 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Commerce - B.Com. - and Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 290 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

L.N. No. 290 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Arts - B.A. - and Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. Nru. 291 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2007 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Marketing taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

L.N. No. 291 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2007 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Marketing under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 292 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti

L.N. No. 292 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the

tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Political Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

A.L. Nru. 293 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Commerce - Dip.Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

A.L. Nru. 294 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Management Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

A.L. Nru. 295 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care.

A.L. Nru. 296 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

A.L. Nru. 297 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. Nru. 298 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

A.L. Nru. 299 tal-2009: Kostituzzjoni ta' Malta; Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

A.L. Nru. 300 tal-2009: Att dwar il-Kontroll tat-Titjip tat-Tabakk (Kap. 315); Regolamenti tal-2009 dwar is-Setgħat li għandhom Uffiċjali Awtorizzati fil-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk.

A.L. Nru. 301 tal-2009: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2009 li jemendaw ir-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura.

Is-27 ta' Ottubru, 2009

General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Political Studies under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 293 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Commerce - Dip.Com. - under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 294 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Management Studies under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 295 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - under the auspices of the Institute of Health Care.

L.N. No. 296 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 297 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Education under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. No. 298 of 2009: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2009 in terms of the Doctor of Philosophy - Ph.D. - Degree Regulations, 2008 for the Degree of Philosophy under the auspices of the Faculty of Laws.

L.N. No. 299 of 2009: The Constitution of Malta; The Public Service Commission (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 300 of 2009: Tobacco (Smoking Control) Act (Cap. 315); Tobacco Smoking Control (Powers of Authorised Officers) Regulations, 2009.

L.N. No. 301 of 2009: Income Tax Act (Cap. 123); Donations (Sports and Culture) (Amendment) Rules, 2009.

27th October, 2009

Nru. 847

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI
(KAP. 431)

Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali
2009-2010

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Kunsill Malti dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, approva li l-persuni li ġejjin jinħatru fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għal perjodu ta' sena mid-29 ta' Settembru, 2009.

Chairperson
Is-Sur Sonny Portelli

Deputy Chairperson
Dott. Godwin Grima, Segretarju Permanenti Ewlieni, UPM

Membri
Is-Sur Michael C Bonello, Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Frans Borg, Segretarju Permanenti MSOC, jirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali

Ms Philo Meli, MFA, tirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea

Is-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti, MFEI, jirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Finanzi

Is-Sur Joseph Rapa, Direttur Ġeneral (Politika Ekonomika), Ministeru tal-Finanzi, jirrappreżenta Affarijiet Ekonomiċi

Is-Sur William Portelli, jirrappreżenta lill-*Confederation of Malta Trade Unions*

Is-Sur Paul Abela, jirrappreżenta lill-*General Retailers and Traders Union*

Is-Sur Kevin DeCesare, jirrappreżenta lill-*Malta Hotels and Restaurants Association*

Is-Sur Tony Zarb u s-Sur Geitu Mercieca, jirrappreżentaw lill-*General Workers' Union*

Is-Sur Pierre Fava, jirrappreżenta lill-Malta Employers' Association

Is-Sur Gejtu Vella, jirrappreżenta lill-Union Ħaddiema Magħqudin

Ms Helga Ellul u s-Sur Tancred Tabone, jirrappreżentaw lill-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u l-Industrija

Membri Sostituti
Is-Sur David A Pullicino, jirrappreżenta lill-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Joseph Camilleri, MSOC, jirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali

Is-Sur Joseph Cole, MFA, jirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea

No. 847

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT ACT
(CAP. 431)

Malta Council for Economic and Social Development
2009-2010

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of Article 4 of the Malta Council for Economic and Social Development Act, has approved that the following persons be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development for a period of one year as from the 29th September, 2009.

Chairperson
Mr Sonny Portelli

Deputy Chairperson
Dr Godwin Grima, Principal Permanent Secretary, OPM

Members
Mr Michael C Bonello, Governor of the Central Bank of Malta

Mr Frans Borg, Permanent Secretary MSOC, representing the Ministry responsible for Social policy

Ms Philo Meli, MFA, representing the Ministry responsible for European Union affairs

Mr Alfred Camilleri, Permanent Secretary, MFEI, representing the Ministry responsible for Finance

Mr Joseph Rapa, Director General (Economic Policy), Ministry of Finance, representing Economic Affairs

Mr William Portelli, representing the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Paul Abela, representing the General Retailers and Traders Union

Mr Kevin DeCesare, representing the Malta Hotels and Restaurants Association

Mr Tony Zarb and Mr Geitu Mercieca, representing the General Workers' Union

Mr Pierre Fava, representing the Malta Employers' Association

Mr Gejtu Vella, representing the *Union Ħaddiema Magħqudin*

Ms Helga Ellul and Mr Tancred Tabone, representing the Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry

Substitute Members
Mr David A Pullicino, representing the Central Bank of Malta

Mr Joseph Camilleri, MSOC, representing the Ministry responsible for Social Policy

Mr Joseph Cole, MFA, representing the Ministry responsible for European Union Affairs

Is-Sur Anton Spiteri, MFEI, jirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għall-Finanzi

Ms Moira Catania, MFEI, tirrappreżenta lill-Ministeru responsabbli għas-Servizzi Ekonomiċi

Dott. Martin Balzan, jirrappreżenta lill-Konfederazzjoni tat-*Trade Unions* Maltin

Is-Sur Vincent Farrugia, jirrappreżenta lill-*General Retailers and Traders Union*

Is-Sur George Schembri, jirrappreżenta lill-*Malta Hotels and Restaurants Association*

Is-Sur Victor Carachi u s-Sur Michael Parnis, jirrappreżenta lill-*General Workers' Union*

Is-Sur Joseph Farrugia, jirrappreżenta lill-*Malta Employers' Association*

Is-Sur Gaetano Tanti, jirrappreżenta lill-Union Ħaddiema Magħqudin

Is-Sur Stefano Mallia u s-Sur Anthony J Tabone, jirrappreżentaw lill-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija ta' Malta.

Mr Anton Spiteri, MFEI, representing the Ministry responsible for Finance

Ms Moira Catania, MFEI, representing the Ministry responsible for Economic Services

Dr Martin Balzan, representing the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Vincent Farrugia, representing the General Retailers and Traders Union

Mr George Schembri, representing the Malta Hotels and Restaurants Association

Mr Victor Carachi and Mr Michael Parnis, representing General Workers' Union

Mr Joseph Farrugia, representing the Malta Employers' Association

Mr Gaetano Tanti, representing the *Union Ħaddiema Magħqudin*

Mr Stefano Mallia and Mr Anthony J Tabone, representing the Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry

Il-21 ta' Ottubru, 2009
OPM/181/2001/II

21st October, 2009

Nru. 848

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 848

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	04 – 06.11.2009

Is-27 ta' Ottubru, 2009

27th October, 2009

Nru. 849

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 849

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Mark Musù	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	27.10 - 30.10.2009

Is-27 ta' Ottubru, 2009

27th October, 2009

Nru. 850

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma tinħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: GFE 00004/09
Post: Sit ġewwa il-Qasam Industrijali ta' San Ġwann, San Gwann
Proposta: Żvilupp ta' fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-3 ta' Frar, 2009 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali limitat sottomessa fis-27 ta' Mejju, 2009.

No. 850

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: GFE 00004/09
Location: Site at San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann

Proposal: Development of factory premises at San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in 3rd February 2009 and the justification for proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 27th May 2009.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
L-użu tal-arti u s-sit tal-madwar	L-ebda impatt viżwali m'huwa mistenni minħabba li l-iżvilupp jinsab fil-qasam industrijali u d-disinn tal-iżvilupp jista' jiġi kkunsidrat bħala titjib fuq il-bini li jinsab fis-sit bħalissa, kif ukoll titjib mill-bini tal-fabbriki li jinsabu fil-madwar.
Land use and surrounding land uses	*No significant visual impacts are envisaged since the industrial estate is already established and the design is considered as an improvement on both the current premises occupying the site and existing factories in the area.*
Kwalità tal-ilma	Tixrid aċċidentali ta' xi materjal għandu jkun kontenut ġewwa s-sit minħabba l-ammont ta' spazju li jinsab ġewwa s-sit stess għall-vetturi tal-kostruzzjoni li jħottu u jgħabbu l-materjal fil-konfini tas-sit stess. Miżuri biex jiġi evitat kull tixrid għandu jiġi implimentat fis-sit.
Water Quality	*Any potential spillages will be contained within the site since there is ample space for construction vehicles to unload and operated within the boundaries of the site itself. Measures which ensure best practices to prevent spillage will also be implemented on site.*

Ħsejjes	Impatti mill-ħsejjes waqt il-fażi tal-kostruzzjoni se jkunu mitigati grazzi għall-*good neighbourly practices* u makkinarju *state-of-the-art*.
Noise	*Noise impacts during the construction phase shall be mitigated though good neighbourly practices and state-of-the-art equipment.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-27 ta' Ottubru, 2009

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

27th October, 2009

Nru. 851

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 851

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Noel Galea	23881 (M)	7, "Topazio", Triq Patri Wistin Born, Marsaskala
Raymond Zammit	742658 (M)	9, Triq Alofju Wignacourt, Qawra, San Pawl il-Baħar
Daniela Lanzon	314982 (M)	House 6, Triq Antonio u Marija Cumbo, Fgura
Amanda Calleja	270888 (M)	98, "Salvruth", Triq il-Ġermanja, Naxxar
Brandon Sciberras	206486 (M)	"Marisa", Triq il-Knisja l-Qadima, Siġġiewi
Richard Florin Abdilla	587990 (M)	15, "Tomair", Triq Xorxa, Mosta
Raymond Mifsud	767161 (M)	"Belveder Residence", Flat 4, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar
Joseph Barbara	1024447 (M)	10, Flat 3, Triq il-Mediterran, Valletta
Raymond Callus	594159 (M)	Blokk 10, Bieb 2, Flat 5, Triq San Filippu, Birgu
Mandy Tanti	234688 (M)	"Marthese Court", Flat 4, Triq Artielleri, Żonqor, Marsaskala
Renald Briffa	586176 (M)	71, Triq il-Merkanti, Valletta.

Redent Galea	292480 (M)	16, "Ascot", Flat 5, Triq in-Nazzarenu, Sliema
Rita Agius	22668 (M)	"Joel", Triq Monsinjur Mikiel Spiteri, Żejtun
Reuben David Spiteri	347087 (M)	31, "Eve" Triq San Mikiel, Fgura
Lawrence Hili	113155 (M)	Binja Bighi, Ent. B, Flat 2, Triq l-Isptar Navali, Kalkara
Johann Spiteri	195283 (M)	26, Triq il-Kwartier, Birgu
Anthony Attard	4457 (M)	23, Triq San Franġisk, Sliema
Joseph Borg	611656 (M)	46, "Lily", Flat 1, Triq il-Għabex, San Pawl il-Baħar
Deborah Saliba	649459 (M)	12, "Dyda", Triq il-Waqqafa, Mosta
Joseph D'Amato	268970 (M)	"Nid D'Amour", Triq il-Wied, Qormi
Antoine Cassar	446571 (M)	"Libra", Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xgħajra
John Taylor	110181 (M)	60A, "The Promise", Triq Santa Rita, Birżebbuġa
Helen Grech	69361 (M)	Binja Msierah, Ent. D, Flat 7, Triq George Tayar, San Ġwann
Daniel Bartolo	429291 (M)	23, "Jon Ther", Triq is-Sultana, Paola
Sharon Chappell	256589 (M)	"Farrugia Flats, Flat 3, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun
Mario Mizzi	465971 (M)	88, "Kristu Re", Triq Dun Marċell Mallia, Għaxaq
Joseph Cassar	695160 (M)	Flat 5, Triq Dun Xand Cortis, Binja Santa Venera, Ent. F, Santa Venera
Stephen Azzopardi	51436 (A)	61, "Limestone Court", Flat 10, Triq il-Wied, Mosta
Francis Camilleri	168273 (M)	26, Okella Agius, Triq Ħal Qormi, Ħamrun
Ryan Camilleri	102086 (M)	4, "St. Joseph", Triq il-Wied, Siġġiewi
Antonio Debattista	402191 (M)	31, "Leeds", Triq il-Katakombi, Mqabba
Lincoln Caruana	537290 (M)	62, "Spring Beauty", Triq Ħal Millieri, Żurrieq
Ann-Marie Cutajar	890 (M)	48, "Miller's Lodge", Triq Lorenzo Gafà, Siġġiewi
Clare Mallia	375874 (M)	10, "Shadows", Triq il-Ħannieqa, Għaxaq
Terence Zarb	484990 (M)	179, "Tulip", Triq Il-Kampanella, Fgura
Peter Attard	154292 (M)	Blokk B1, Flat 8, Triq il-Watar, Ta' Xbiex
Jean Paul Vella	73888 (M)	18, "Mirsilv", Triq Dun Gino Mangion, Qormi
Clayton Scicluna	487589 (M)	13, "Belvedere", Triq il-Ħut, Marsaskala

Adrian Simiana	66889 (M)	19, "Kunċizzjoni", Triq Santa Rita, Birżebbuġa
Joseph Brincat	186062 (M)	23, "St. Joseph", Flat 1, Triq Dun Mikiel Callus, Rabat
Carl Bezzina	278290 (M)	14, Triq il-Masġar, Ħal-Farruġ, Luqa
Mario Micallef	33268 (M)	Blokk K, No. 4, "Joslin", Triq ir-Riċnu, San Ġwann
Hocine Youbi	291398 (M)	39, "Ġesù", Triq San Mattew, Qrendi
Isabella Azzopardi	70574 (M)	53, Flat 2, Triq l-Għenieq, Naxxar
Joseph Mallia	366681 (M)	235, "Stars", Triq l-Imdina, Qormi.
William Gauci	293871 (M)	71, "St. Thomas", Triq il-Polverista, Bormla
Denis Dimech	678059 (M)	35, "Amber", Triq Nicolò Communet, Qrendi
Keith Bugeja	57789 (M)	57, "Gomal", Triq il-Fejġel, Rabat
Stewart Vella	486091 (M)	47, "Mae Mae", Flat 6, Dawret il-Gżejjer, Buġibba, San Pawl il-Baħar
Anna Vella	434165 (M)	47, "Mae Mae", Flat 6, Dawret il-Gżejjer, Buġibba, San Pawl il-Baħar
Glenn Agius	424289 (M)	210, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa
Maria Grazia Fenech	492360 (M)	Blokk 8, Ent. B, Flat 1, Triq l-Inħasa, Attard
William Gauci	340371 (M)	17, Triq Inverness, Paola
Melanie Vella	144168 (M)	Grand Site, Blokk A, Flat 45, Triq San Massimiljanu, Kolbe, Qawra, San Pawl il-Baħar
Albert Lia	631662 (M)	45, "September Morn", Triq il-Girgħien, Birżebbuġa
Natasha Zahra	513286 (M)	"Residual", Flat 2, Triq Wiġi Rosato, Bormla
Leonard Bonnici	306760 (M)	6, "Gardenia", Triq l-Aħwa Galea, Mosta
Simon Tonna	208270 (M)	16, Triq San Ġwann, Naxxar
Marika Azzopardi	89479 (M)	"St. Rita", Triq il-Bikri, Żabbar
Joseph Formosa	534056 (M)	9, "Dar is-Sliem", Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat
Mariella Mallia	458373 (M)	"Bristol", Flat 1, Triq Salvu Buhagiar, Marsascala
John Paul Azzopardi	447478 (M)	48, "Petit Paradis", Triq ir-Rundun, Mosta
Warren Bonnici	545190 (M)	6, "Gardenia", Triq l-Aħwa Galea, Mosta
Robert Borg	554278 (M)	10, Sqaq Sant' Antnin, Ħamrun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-27 ta' Ottubru, 2009

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

27th October, 2009

Nru. 852

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 852

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 10. 09	€22.930	€0.401

Is-27 ta' Ottubru, 2009

27th October, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 77 tal-2009

Xogħlijiet ta' Dredging fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-*dipper dredger Magnus* se jwettaq xogħlijiet ta' *dredging* fil-Bajja ta' Marsaxlokk fl-inħawi tal-Malta Freeport Terminals b'ċentru fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 49'.30	14° 32'.25

Ix-xogħlijiet ta' *dredging* se jibdew fit-30 ta' Ottubru 2009 u t-tbattil tal-materjal skavat se jittieħed b'*hopper barges* fl-inħawi apposta 'l hinn mill-Port tal-Belt Valletta biċ-ċentru fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 55'.10	14° 34'.00

Il-baħħara huma mwissija biex jgħaddu b'attenzjoni u bil-mod u jżommu 'l bogħod mid-*dipper dredger Magnus* u l-*hopper barges Saulus* u *Paulus*. Il-baħħara fl-inħawi għandhom jobdu kull ordni li toħroġ mill-Marsaxlokk Port Control (VTS).

Chart affettwata: BA 36

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 DATUM.

Is-27 ta' Ottubru, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 78 tal-2009

Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir, naħa tal-Kalkara

Se jinħarqu murtali mill-moll tal-Bajja tar-Rinella kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità Marittima ta' Malta msemmija aktar 'l isfel.

It-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 mid-9.00 p.m. sad-9.30 p.m.

Il-baħħara huma mwissija li se jkun hemm żona ta'esklużjoni temporanja ta' 200 metru 'l hinn mill-moll.

Il-baħħara huma avżati li jibqgħu barra miż-Żona ta' Esklużjoni matul il-ħinijiet u dati msemmija u jbaħħru b'attenzjoni.

Dawk li jkunu jbaħħru fl-inħawi għandhom jobdu l-ordnijiet li jinħarġu mill-Valletta Port Control (VTS) u mill-Pulizija.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 77 of 2009

Dredging Works at Marsaxlokk Bay

The dipper dredger *Magnus* will be carrying out dredging works at Marsaxlokk Bay in the Malta Freeport Terminals area centered in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 49'.30	14° 32'.25

The dredging works will commence on 30th October 2009 and dumping of the dredged material will be carried out by hopper barges at the spoil ground off Valletta Harbour centered in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 55'.10	14° 34'.00

Mariners are warned to proceed with caution and slow speed and to give the dipper dredger Magnus and hopper barges, Saulus and Paulus a wide berth. Any instructions Issued by Marsaxlokk Port Control (VTS) are to be complied with.

Chart Affected: BA 36

Position referred to WGS 84 DATUM.

27th October, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 78 of 2009

Fireworks Display in Kalkara Grand Harbour

Fireworks will be let off from the quay in Rinella Bay as shown on the chart shown on the Malta Maritime Authority's website mentioned hereunder.

Monday 9th November 2009 from 9.00 p.m. till 9.30 p.m.

Mariners are advised of a temporary Exclusion Zone with 200 metres off the quay.

Mariners are advised to remain outside the Exclusion Zone during the indicated times and dates and navigate with caution.

Instructions issued by the Valletta Port Control (VTS), and by Police in the area are to be complied with.

Parti miċ-*chart* tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Chart affettwata: BA 177

Is-27 ta' Ottubru, 2009

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Chart affected: BA 177

27th October, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjonijiet ta' *Dental Surgery Assistant* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Dental Surgery Assistant* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Dental Surgery Assistant* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Dental Surgery Assistant* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment* tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 13, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Dental Surgery Assistant* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 13 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-*assignment* stipulat.

2.4 Il-persuna magħżula hi soġġetta għall-ġimgħa ta' 40 siegħa. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna maħtura mhux

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Positions of Dental Surgery Assistant in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the assignment in the positions of Dental Surgery Assistant, in the Ministry for Social Policy (Health).

2.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Dental Surgery Assistant, in the Ministry for Social Policy (Health). Unsatisfactory performance as Dental Surgery Assistant during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of an appointee who is not a Public Officer holding a substantive appointment/indefinite status in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Social Policy (Health) as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment/indefinite status in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 13, he/she will be requested to relinquish the duties of Dental Surgery Assistant and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum Salary Scale 13 through progression, he/she will be allowed to complete his/her stipulated assignment.

2.4. The appointee will be conditioned to a 40-hour working week. The working hours of the appointee shall not

neċessarjament ikunu limitati għall-ħinijiet ta' filgħodu jew għall-ħinijiet tal-uffiċċju, imma skont l-esiġenzi tas-Servizz. Xogħol wara nofsinhar u/jew filgħaxija jista' jiġi mitlub skont arranġamenti approvati mill-Ministeru għal Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Ikun meħtieġ li tidħol xogħol fil-Ħdud u festi pubbliċi fuq bażi ta' *roster* biex tħaddan is-servizz ta' emerġenza fid-Dentistrija.

2.5. Il-persuna magħżula tkun taqa' taħt il-*Clinical Chairperson, Dental Department*.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Dental Surgery Assistant* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), huwa ta' Skala ta' Salarju 13 (€12,376 fis-sena li jitla b'€335.50 fis-sena sa massimu ta' €14,389). Fil-każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku li jkolli l-ħatra sotantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna magħżula u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Dental Surgery Assistant* jinkludu:

(a) Tassisti lid-*dental surgeon* u d-*dental hygienist* waqt il-proċeduri ta' trattament fl-oqsma kollha tad-dentistrija, tnewwil ta' strumenti, taħlit u preparazzjoni ta' materjal għall-mili ta' snien, iwassal *impression materials* u tgħabbi *impression trays*;

(b) Manutenzjoni regolari u żamma tal-apparat dentali u *dental units*. Tkun responsabbli li tirrapporta ħsarat fl-apparat lill-*management;*

(ċ) Preparazzjoni ta' *oral surgical set-ups,* ippakkjar u sterilizzazzjoni ta' strumenti tad-dentistrija;

(d) Prevenzjoni ta' infezzjonijiet, preparazzjoni u sterilizzar ta' apparat tad-dentistrija u l-arja operattiva;

(e) Għajnuna ta' konfort lill-pazjenti, qabel, matul u wara trattament tas-snien;

(f) Jipprovdi lill-pazjenti struzzjonijiet għall-kura aħjar wara proċeduri ta' *extractions, surgery restorations* u *oral hygiene;*

(g) Jagħtu appuntamenti, iwieġbu t-telefon u jordnaw *supplies and materials;*

(h) Tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

Aktar dettalji tal-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

necessarily be limited to morning duties or office hours, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon and/or evening sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Ministry for Social Policy (Health).They would be also be required to work on Sundays and Public Holidays on a roster basis to man the Dental Emergency Service.

2.5. The appointee will be accountable to the Clinical Chairperson, Dental Department.

3. The salary attached to the position of Dental Surgery Assistant, within the Ministry for Social Policy (Health), is that of salary scale 13 (€12,376 per annum rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €14,389). In case the selected applicant is a Public Officer, holding a substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The duties of Dental Surgery Assistant in the Ministry for Social Policy (Health) include:

(a) Assisting the dental surgeon and dental hygienist during a variety of treatment procedures in all fields of dentistry, handling instruments, mixing and preparing dental filling materials, handling impression materials and loading impression trays;

(b) Regular maintenance and up-keeping of all dental equipment and dental units. Be responsible to report any faulty equipment to the management;

(c) Preparation of oral surgical set-ups, packing and sterilizing of dental instruments;

(d) Prevention of cross-infection, preparing and sterilizing dental instruments, equipment and the operative area;

(e) Help patients feel comfortable before, during and after dental treatment;

(f) Providing patients with instructions for oral care following extractions, surgery, restorations and oral hygiene procedures;

(g) Scheduling appointments, answering telephone calls and ordering supplies and materials;

(h) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

ċ) ikollhom *Diploma for Dental Surgery Assistant* (NQF f'livell 4) jew kwalifika oħra rikonoxxuta u komparabbli.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

